MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Numru 215/2005

**App Nru 215/2005 (G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Vella**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Vella talli fl-4 ta' Mejju 2004 ghall-habta tas-7.45pm gewwa ir-raba' ma' genb Triq Qasam San Gorg, Kercem:

1. bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Vincent Buhagiar minn Kercem fil-pussess ta' hwejgu (Art 85, Kap 9); u
2. aktar talli ma obdiex l-ordnijiet leggittimi tal-pulizija (Art 338(ee), Kap 9);

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tad-9 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Vella hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta' erbghin lira (Lm40), izda ma sabitux hati skond it-tieni imputazzjoni u ghalhekk illiberatu minn dina t-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuel Vella, minnu prezentat fis-27 ta' Gunju 2005, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li din il-Qorti tilliberah ukoll mill-ewwel imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2005; ikkunsidrat:

L-appellant jghid li ghandu zewg aggravji, ghalkemm dawn fil-verita` jirriducu ruhhom ghal aggravju wiehed u cioe` li l-ewwel qorti waslet ghall-konkluzzjoni zbaljata kemm mil-lat fattwali kif ukoll mil-lat ta' l-applikazzjoni tal-ligi ghall-kaz konkret. Dwar il-fatti, l-appellant jghid li l-ewwel qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzzjoni li huwa kien abbuzivament dejjaq, permezz ta' balal kbar tat-tiben, il-passagg li l-kwerelant kellu d-dritt li jghaddi minnu, u dan peress li l-provi kienu jindikaw li kien hemm "incertezza dwar kif ghandu jigi ezercitat [id-dritt ta'] passagg" mill-imsemmi kwerelant. Fuq it-tieni aggravju, l-appellant jaghmel tezi shiha fuq l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* u bazikament jghid li ebda wiehed mill-erba' elementi kostituttivi tar-reat (kif rikonoxxuti fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti) ma jissussistu f'dan il-kaz. Skond l-appellant ma jirrizultax li l-kwerelant kellu dritt jghaddi proprju minn fejn jippretenda li kellu jghaddi, filwaqt li l-kwerelant seta' facilment sposta l-balal tat-tiben; li ma jirrizultax li hu agixxa "intenzjonalment u malizjozament"; flwaqt li irrizulta li hu (l-appellant) "ghandu titlu korrett fuq ir-raba' tieghu".

Din il-Qorti, wara li regghet semghet il-provi kollha, ma tistax ma tqisx dana l-appell – minkejja l-verbozita` tar-rikors – bhala wiehed fieragh. Jirrizulta abbundantement li fil-gurnata indikata fl-imputazzjoni l-appellant ostakola l-

passagg, ossia dik il-bicca art li minnha konswetudinarjament Vincent Buhagiar u ohrajn kienu jghaddu fuqha biex jaccedu ghall-ghelieqi taghhom, b'numru ta' balal jew ahjar "rombli" kbar tat-tiben. Prova elokwenti ta' l-eghmil ta' l-appellant u ta' l-intenzjoni tieghu li jostakola lill-Buhagiar tirrizulta mid-deposizzjoni tas-Surgent tal-Pulizija 1233 John Attard. Dan xehed li meta mar ikellem lill-appellant u staqsieh fuq il-balal (u anke xi gebel li kien hemm fid-dahla ghall-passagg), l-appellant wiegbu hekk:

**"Jien kellimt lil Lorry Apap tal-*Lands* u qalli li ahna rridu nirrangaw bejnietna ghax hemhekk ma hemmx triq. Il-balal tat-tiben ghamilthom jien ghax hemhekk qeghdin go hwejgi. Il-bieb ta' barra ghalaqtu jien ukoll nhar il-Hadd li ghadda. L-ewwel infurmajt lil Leli [1] li ha naghlqu ghax il-bicca ta' barra hija ta' persuna ohra. Jien apposta li qed naghmel minhabb fih u ma hu se nnehhi xejn. Harrikni jekk trid."**

Il-kliem sottolineati huma bizzejjed biex ixejjnu kull aggravju li l-appellant ipprova jgib kontra s-sentenza appellata.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh fis-sens tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 429 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant ihallas, b'zieda mal-multa imposta mill-ewwel qorti, ammenda ta' erbghin lira (Lm40) ohra, konvertibbli fi tmient ijiem detenzjoni fin-nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

(ft.) V. DeGaetano
Prim'Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

[1] Dan Leli hu Emanuel Vella iehor. Skond P.S. 1233 John Attard, wara li huwa kellem lil dan Vella l-iehor, dan mar u nehha l-gebel li kien ghamel l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------